*- Titolu Eżekuttiv naxxenti minn Promissory Note -*
*- Art. 253(e); Art. 256(2); Art. 281 Kap. 12 -*

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## ILLUM IT-TLIETA, 12 TA' MARZU 2019

**Kawża Nru:**

**Rik. Nru. 42/2019 RGM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Nru 2072/2018**
**fl-ismijiet:-**

**Avukat Ivan Gatt bħala mandatarju speċjali ta' Vadym Gurzhos**

**vs**

**Antoine Bartolo**

**Il-Qorti:**

**PREAMBOLI**

Rat ir-**rikors tas-sekwestrat Antoine Bartolo** ppreżentat fit-18 ta' Jannar 2019, li permezz tiegħu ppermetta u talab is-segwenti:

"Illi huwa gie notifikat bir-rikors ghal hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekkutiv *de quo* maghmul mill-Avukat Ivan Gatt *noe* u dan, kif premess fl-istess rikors, peress illi *ittra ufficjali* numru 3949/2018 fl-*ismijiet "Avukat Ivan Gatt mandatarju specjali ta' Vadym Gurzhos (detentur tal-passaport Ukrain bin-numru ET438047 vs Antoine Bartolo (KI 44574M)" kif ikkonfermata u reza ezekuttiva permezz ta' digriet moghti fit-18 ta' Dicembru, 2018 minn din l-Onorabbli Qorti*.

Illi allura s-sekwestrant Avukat Ivan Gatt *noe.* talab u ottjena l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru a bazi tad-digiret ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Dicembru, 2018, meta l-process li wassal ghal dak id-digriet ghadu ma ghaddiex *in gudikat* peress illi, fl-4 ta' Jannar, 2019, gie intavolat l-Appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell mill-istess digriet, liema appell ghadu mhux appuntat (**DOK A**) u ta' liema din l-Onorabbli Qorti tista' tiehu *judicial cognisance*.

Illi r-rikors tal-Appell gie addirittura notifikat lis-sekwestrant Avukat Ivan Gatt *noe* fit-8 ta' Jannar, 2019 (**DOK B**), *ossia,* il-jum ta' qabel ma jirrizulta illi l-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv gie sostitwit u jumejn qabel ma ntlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti.

Illi dan ifisser illi filwaqt illi hija l-prassi u konswetudni legali illi qabel ma jinhareg **Mandat Ezekuttiv**, il-Qorti jkollha f'idejha c-certifikat minghand ir-Registratur tal-Qorti li jiddikjara illi process ikun ghadda *in gudikat*, f'dan il-kaz, is-sekwestrant *noe* kien ben konxju illi kien hemm Appell ghax kien notifikat, u minkejja dan, mhux talli ma pprovdiex ic-certifikat opportun, mhux talli lanqas ma halliex t-terminu tal-Appell ighaddi, talli, meta fid-9 ta' Jannar, 2019, issosstitwixxa r-rikors ghall-hrug tal-Mandat, naqas milli jiddikjara illi kien gie notifikat bir-rikors tal-Appell.

Agir skorrett, inaccettabbli u, bid-dovut rispett, kundannabbli, li din l-Onorabbli Qorti ghandha tipprovdi dwaru peress illi giet misgwidata u indotta fi zball a detriment ta' l-hawnhekk rikorrent meta ma nghatx lilha dak kollu li kellu jkun legalment relevanti qabel ma tiddekreta.

Illi huwa ghalhekk pacifiku jinghad illi s-sekwestrant ma ottjena ebda titolu ezekuttiv u *kwindi* ma setghax jintavola Mandat Ezekuttiv. L-ittra ufficjali 3949/18 tas-7 ta' Novembru, 2018, li permezz taghha l-istess sekwestrant hemmek mittent, talab illi jkollu titolu ezekuttiv tal-*promisory note* in kwistjoni, tat bidu, skont il-ligi, ghal proceduri 1177/18MCH, liema proceduri ghadhom mhux mitmuma u jinsabu *sub judice* pendenti l-Appell. *Kwindi* l-intempestivita` tal-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv kif mitlub.

Illi bil-Mandat ta' Sekwestru ezekuttiv gew notifikati ben ghaxar sekwestratarji, lkoll banek u istituzzjonijiet finanzjarji, b'liema azzjoni il-mittenti sofra pregudizzju serju u qed isofri danni serji, ghall-liema, is-sekwestrant qed jinzamm responsabbli.

**Ghaldaqstant**, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, u *a tenur* tal-Artiklu 281 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti qieghed gentilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti li:

a) Ikun hemm l-akkorcjament tat-terminu ghar-risposta minhabba l-pregudizzju serju illi r-rikorrenti qed isofri – **Art. 281(2)**;

b) Din l-Onorabbli Qorti tiffissa minghajr dewmien jum ghas-smigh ta' dan ir-rikors – **Art. 281(3)**;

c) Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-10 ta' Jannar, 2019, li permezz tieghu intlaqa' il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv *de quo* u tordna n-notifika ta' tali revoka lis-Sekwestrati kollha indikati fl-istess Mandat a spejjes tal-hawnhekk intimat – Art. 281(1);

d) Tordna konsegwentament u jekk ikun il-kaz, illi r-rikorrenti jizbanka kwalsiasi fondi li tavolta kwalsiasi mis-sekwestrati indikati fil-Mandat 2072/18 jistghu jkunu ddepositaw fir-Registru tal-Qorti sad-data tad-determinazzjoni ta' dan ir-rikors.

**Bl-ispejjes kollha** kontra l-intimat/sekwestrant Avukat Ivan Gatt *noe* u bir-riserva tal-mittenti ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lilu, mhux lanqas dik ghad-danni."

Rat ir-risposta tar-rikorrent sekwestrant Av. Ivan Gatt għan-nom ta Vadym Gurzhos ippreżentata fit-13 ta' Frar 2019[1] li permezz tagħha eċċepixxa:

"Illi in linea mal-fakulta moghtija lill-esponenti permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti moghti fil-11 ta' Frar, 2019, l-esponenti ser jghaddi jaghmel ir-risposta tieghu;

Illi l-esponenti intavola l-ittra ufficjali bin-numru 3949/2018 *ai termini* tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jirrendi ezegwibbli *promissory note* datata 22 ta' Frar, 2017;

Illi l-intimat ipprezenta rikors *ai termini* tal-Artikolu 253(e) sabiex l-Ewwel Onorabbli Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tal-istess *promissory note*;

Illi in linea tal-fakulta moghtija lill-esponenti permezz ta' digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti moghti fil-4 ta' Dicembru, 2018, l-esponenti ghamel ir-risposta tieghu;

Illi b'digriet tat-18 ta' Dicembru, 2018 l-Ewwel Onorabbli Qorti tat digriet kif gej:

> Regghet rat ir-rikors ta' Antoine Bartolo tas-27 ta' Novembru, 2018;
>
> Rat ir-risposta ta' Dr Ivan Gatt *noe* tas-7 ta' Dicembru, 2018;
>
> Tichad it-talba ta' Antoine Bartolo billi fl-ewwel lok l-artiklu 180 tal-Kap 13 jghid li meta ma jkunx hemm dikjarazzjoni espressa taz-zmien tal-hlas, dan ghandu jsir '*a vista'* u fit-tieni lok il-*promissory note* hi cara u *prima facie* turi l-intendiment tal-partijiet. Jekk ir-rikorrenti iqis li l-ammont dovut mhux realment dovut, allura hu liberu li jiehu l-passi legali li jidhirlu izda l-*promissory note* tibqa' valida ghall-finijiet ta' dak kontenut fiha u debitament accettata mill-parti li iffirmatha.

[1] Paġna 9 tal-process.

Illi *ai termini* tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-ittra ufficjali bin-numru 3949/2018 saret ezekuttiva permezz tal-istess digriet imsemmi hawn fuq;

Illi ghalhekk fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena 2018 l-esponenti pprezenta l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 2072/2018 sabiex issir l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv;

Illi l-attwarja fir-registru tal-qorti innota li kien hemm zball fil-mandat ipprezentat fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru, 2018 u informa lill-esponenti biex jissostitwixxi l-istess mandat bil-korrezzjonijiet mehtiega;

Illi hu evidenti li dawn kienu zbalji kjarment li jistghu jissejhu "*lapsus calami*" u huma zbalji manifesti u evidenti fuq il-wicc tal-atti hawnhekk annessi u mmarkati bhala 'Dok. A';

Illi s-sostituzzjoni tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 2072/2018 ma jfisser bl-ebda mod li gie pprezentat mandat gdid. Kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat 'Dok. B', id-data tal-prezentata tal-mandat tindika b'mod car l-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru, 2018;

Illi minkejja li d-digriet tal-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Dicembru, 2018 ma huwiex suggett ghal appell *ai termini* tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;[2] l-intimat ipprezenta appell mill-istess digriet fl-erbgha (4) ta' Jannar, 2018;

Illi in vista tas-suespost, l-esponenti ma kien bl-ebda mod konxju illi kien hemm appell mid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, u pprezenta l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 2072/2018 flimkien mad-digriet tat-18 ta' Dicembru 2018 liema

[2] 'B'dan izda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', **b'digriet li ma jkunx appellabbli** (enfasi mizjuda), tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suggett ghal garanzija kif ukoll minghajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum min-notifika tal-ittra ufficjali li tintbaghat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni u f'dak il-kaz biex persuna tesigi l-hlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipprocedi b'kawza skont id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc'

digriet irrenda l-istess *promissory note* esegwibbli *ai termini* tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huwa l-intimat li ma kienx leali lejn din l-Onorabbli Qorti billi ghazel li ma jsemmi xejn dwar il-mandat originali li gieipprezentat fil-21 ta' Dicembru, 2018, u *cioe`* d-data proprja tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. L-intimat ghazel biss li jirreferi ghal mandat korrettiv tad-9 ta' Jannar 2019 b'intiza biss u cara li joskura lill-esponenti. Kien ghal ragunijiet amministrattivi imposti mir-Registratur tal-Qorti biss li giet ittimbrata d-data tas-sostituzzjoni fuq il-mandat korrettiv u *cioe`* id-9 ta' Jannar, 2019;

Illi effettivament u fir-realta il-mandat ghandu jitqies li gie ipprezentat fil-21 ta' Dicembru 2018 u *cioe`* ferm qabel li l-esponenti kien konxju jew li kien gie innotifikat bl-appell numru 1177/2018/1 interpost mir-rikorrenti;

Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti jissottometti illi t-talbiet tal-intimat Antoine Bartolo ghandhom jigu michuda;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat Antoine Bartolo u bir-riserva tal-esponenti ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lilu."

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat in-nota ta' referenza ta' Antoine Bartolo ippreżentata fl-14 ta' Frar 2019[3];
Rat in-nota ta' referenza tal-Av. Ivan Gatt ippreżentata fil-15 ta' Frar 2019[4];

Rat il-verbal tat-13 ta' Frar 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għal provediment finali.

[3] Paġna 63 tal-proċess.
[4] Paġna 81 tal-proċess.

**FATTI LI TAW LOK GĦAL DAWN IL-PROĊEDURI**

Mill-atti jirriżulta s-segwenti.

Fit-22 ta' Frar 2017 is-sekwestrat Antoine Bartolo iffirma "**Primissory Note Agreement"** a favur is-sekwestrant Vadym Gurzhos li taqra kif ġej:-

-----------------------------------------------------------------------------------------------

"Committed Principal for borrowing: €30,000

FOR VALUE TO BE RECEIVED, Antoine Bartolo (hereafter, "Borrower") having a Maltese ID card 0447574M) resding at ......(omissis).........promises to pay Vadym Gurzhos, having a Ukranian passport ET438047 residing at ......(omissis)................(hereinafter, "Lender"), the total principal transferred by the Lender amounting to thirty thousand euro (€30,000).

The Principal will accrue annual interest charges of 1.5%. The interest charges will be calculated on annual basis from the day the loan has been received. The lender may settle the loan within first sixty (60) days of receiving the loan without any interest charges.

Any other notices, approvals or other communications to be sent to the parties shall be deemed validly and properly provided if made in writing.

This promissory note agreement has been entered into and shall be performed in Malta and shall be construed in accordance with the laws of Malta. Any claims or disputes concerning this promissory note agreement shall, at the sole election of the Lender, be adjudicated in Malta.

This promissory note agreement may be executed in counterparts, each of which shall be deemed to be an original, but all of which, taken together, shall constitute one and the same agreement.

Executed in the presence of:

*Nicholas Gurzhos*
Witness

*Vadym Gurzhos*
Lender

*Antoine Bartolo*
Borrower"
==========================================================

Fis-7 ta' Novembru 2018, l-Avukat Dottor Ivan Gatt għan-nom ta' Vadym Gurzhos ippreżenta ittra uffiċjali[5] kontra s-sekwestrat Antoine Bartolo fejn għamel referenza għal 'promissory note' fuq imsemmija u interpellah sabiex iħallas is-somma ta' €25,000 (ma hemmx spjegazzjoni għaliex €25,000 u mhux €30,00 kif imsemmi fil-promissory note).

Inoltre fl-istess ittra uffiċjali jingħad hekk:-

"Din l-ittra ufficjali qieghda tigi notifikata lilek ai termini tal-Artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk tonqos li tipprezenta rikors fi zmien ghoxrin (20) jum fejn topponi ghall-esekuzzjoni tal-fuq imsemmija *promissory note* minhabba illi l-firma fuq il-promissory note ma hijiex tieghek jew minhabba xi ragunijiet ohra gravi u validi din l-ittra ufficjali u l-*promissory note* hawn fuq indikata jkunu jikkostitwixxu titolu ezekuttiv fil-konfront tieghek u ghalhekk il-kreditu vantat mill-mittenti fil-konfront tieghek ikun ezegwibbli minnufih."

[5] Numru 3949/2018

Fis-27 ta' Novembru 2018 Antoine Bartolo ippreżenta rikors ai termini tal-Artikolu 253 (e) fejn talab il-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-istess *promissory note*[6].

Illi b'digriet tat-18 ta' Diċembru 2018 din il-Qorti diversament presjeduta ċahdet it-talba. Id-digriet relattiv jaqra kif ġej:-

> "Tichad it-talba ta' Antoine Bartolo billi fl-ewwel lok l-artiklu 180 tal-Kap 13 jghid li meta ma jkunx hemm dikjarazzjoni espressa taz-zmien tal-hlas, dan ghandu jsir '*a vista'* u fit-tieni lok il-*promissory note* hi cara u *prima facie* turi l-intendiment tal-partijiet. Jekk ir-rikorrenti iqis li l-ammont dovut mhux realment dovut, allura hu liberu li jiehu l-passi legali li jidhirlu izda l-*promissory note* tibqa' valida ghall-finijiet ta' dak kontenut fiha u debitament accettata mill-parti li iffirmatha."

Fil-21 ta' Diċembru 2018 l-Av. Dr. Ivan Gatt nomine ppreżenta Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 2072/2018 li pero' ma ġiex dekretat peress li l-attwarju fir-Registru innota li l-att kien jeħtieġ xi korrezzjoni. Għalhekk fid-9 ta' Jannar 2019 ġie preżentat att b'sostituzzjoni għall-ewwel wieħed u l-mandat eżekuttiv inħareġ fl-10 ta' Jannar 2019 kontra Antoine Bartolo għas-somma ta' sitt u għoxrin elf, disgħa mija u tnejn u tlettin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€26,932.47).

Fl-4 ta' Jannar 2019 Antoine Bartolo intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) mid-digriet tat-18 ta' Dicembru 2019 li jinsab appuntat għat-2 t'April 2019.

Fit-18 ta' Jannar 2019 Antoine Bartolo ippreżenta ir-rikors hawn trattat u deċiz fejn qiegħed jitlob fost affarijiet oħra lill-Qorti 'tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-10 ta' Jannar 2019 li permezz tieghu intlaqa' il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv de quo'.

[6] Il-kawża ġġib in-numru 1177/2018 MCH.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**.

Ikkunsidrat

Illi t-talba tar-rikorrenti għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv in kwistjoni qiegħda ssir a tenur tal-**Artikolu 281 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta liema artikolu jagħti l-fakolta' lill-persuna li jinħareġ kontra tagħha mandat eżekuttiv sabiex tintavola rikors u titlob li l-istess mandat jiġi mħassar għal kollox jew parti minnu, dment li tkun teżisti raġuni valida fil-liġi. Testwalment dan l-artikolu jipprovdi hekk:-

> "(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi".

In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija fl-Atti tar-Rikors tal-Mandat ta' Qbid Eżekuttiv numru 1496/03, fl-ismijiet **Emanuel Vella vs. Lloyd's Malta Limited u General Insurance Services Limited** (Rik Nru 958/2003 JRM), deċiża mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti tefat dawl fuq it-tifsira ta' dan l-artikolu [7]

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-dispożizzjoni fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma' xi ghelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-sahha tieghu, l-intimat eżekutat ibati pregudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jigi attakkat jew imhassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att eżekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A [281] jagmluha cara li r-rimedju

[7] dak iż-żmien kien iġib in-numru 283A u sostitwit għall-artikolu 281 in forza ta' Att XIV tas-sena 2006 li essenzjalment żied li anke t-terz setgha juzufruwixxi ruħu minn dak l-artikolu):

moghti lir-rikorrent jingħata bla hsara għal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra.” [8]

Illi għalhekk huwa ben ċar li l-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 ma tistax tintuża biex jerġgħu jinfetħu kwistjonijiet marbuta mal-mertu suġġett tal-att eżekuttiv in kwistjoni, iżda hija proċedura intiża sabiex l-att eżekuttiv li jkun fih difett formali, li jolqot il-validità tiegħu, jiġi revokat.

Illi l-liġi ma tippreċiżax x’għandu jinftiehem meta fl-Artikolu 281 jingħad “għal raġuni valida skont il-liġi”. Spjegazzjoni ta’ din iżda tinstab fil-ġurisprudenza, fosthom fil-kawża fl-ismijiet **Edward Pace vs. Michael Sultana et**[9]:

“Illi l-ligi ma tghidx x’tista’ tkun “raguni valida skond il-ligi”, li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista’ jinghad li **mandat jista’ biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma**. Meta l-ligi riedet tfisser f’liema cirkostanzi jista’ jintalab il-hrug ta’ Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b’reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta’ l-kawża preżenti m’huwiex Mandat kawtelatorju.” (enfażi miżjud mill-Qorti)

Illi skond l-insenjament mogħħi fis-sentenza **Baystreet Holdings Limited (C-120858) vs. Walter Zammit Cachia et**[10] min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta’ Mandat jrid jipproċedi skond l-**Artikolu 156 tal-Kapitolu 12:**

“Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum, il-gurnata din il-procedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Mahluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawza, mhux biss m'huwiex wiehed mahluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tieghu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodici tal-Procedura.”[11]

---

[8] Ara wkoll **HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) vs. Doris Conchin** (Rik Nru 633/2011JRM) deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Lulju 2011.
[9] Rik. Nru 287/2005 JRM deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta’ Mejju 2005.
[10] Rik. Nru 235/2009 JRM deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 t’April 2009.
[11] Ara wkoll **Anthony sive Antoine Vassallo et vs HSBC Bank Malta plc** (Rik Nr 1228/2010 MCH) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 2011.

Ikkunsidrat

Fil-kawża odjerna r-rikorrent Antoine Bartolo, sekwestrat fil-mandat eżekuttiv li qed jattakka, jsostni illi l-Qorti ma kelliex tilqa' t-talba ta' Dr Ivan Gatt nomine għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra tiegħu għas-somma ta' €25,000 u dan għaliex nonostante li t-talba tiegħu fl-atti tal-ittra uffċjali numru 1177/2018 għas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-*promissory note* ġiet miċħuda, huwa intavola appell minn dik id-deċiżżjoni, liema appell għadu pendenti. Isostni għalhekk illi f'dan l-istadju Dr Ivan Gatt nomine ma jistax jivvanta titolu eżekuttiv fil-konfront tieghu.

Mill-banda l-oħra l-intimat Sekwestrant Dr Ivan Gatt nomine jsostni illi Antoine Bartolo ma setax jappella mid-digriet tat-18 ta' Diċembru 2018, F'dan ir-rigwar din il-Qorti tirritjeni illi una volta hemm appell pendenti, sta għall-Onorabbli Qorti tal-Appell li tiddeċiedi l-irritwalita' o meno tal-appell intavolat.

Dak li din il-Qorti għandha tiddeċiedi fil-proċeduri odjerni huwa jekk tenut kont li hemm appell pendenti mid-deċizzjoni li ċahdet it-talba ta' Antoine Bartolo sabiex "tissospendi l-eżekuzzjoni tal-promissory note annessa ma' l-ittra uffiċjali numru 3949/18" setgħax Dr Ivan Gatt nomine jitlob u jottjeni l-ħruġ ta' mandat eżekuttiv pendenti l-appell imsemmi.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell "**Fl-atti tal-mandat ta' qbid eżekuttiv nru.510/2016 fl-ismijiet Dr Georg Sapiano vs Jette Scott"** (rikors nru. 308/16 MH) mogħtija fil-25 ta' Novembru 2016 fejn iċ-ċirkostanzi kienu kważi identiċi għal dawk odjerni, anzi addirittura ir-rikors li kien qed jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala f'dak il-każ lanqas biss kien għadu deċiż, b'differenza ta' dak odjern fejn it-talba għas-sospensjoni ġia' ġiet miċħuda u hija appellata. Fil-każ appena ċitat it-talba għar-revoka tal-mandat eżekuttiv kienet ġiet miċħuda u d-deċiżżjoni appellata. Il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid fir-rigward:-

> "Minn dawn is-sentenzi johrog car li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 281 imsemmi u waslet ghall-konkluzjoni gusta li l-mandat in

> kwistjoni la ghandu difetti fil-forma tieghu u li l-hrug tieghu sar korrettement. **Anke l-fatt ii l-kambjala iffirmata mill-appellanti qed tigi attakkata separatament bi proceduri ohra ma jfissirx li t-talba maghmula taht l-Artikolu 281 ghandha tigi milqugha ghax dan ma jaffettwa xejn il-hrug 'per se' tal-mandat."**[12]

Skond l-**Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12** *Promissory Note* hija titolu eżekkuttiv. Dan is-sub inċiż jipprovdi kjarament illi sakemm l-eżekuzzjoni ta' tali *promissory note* ma tiġiex sospiża wara proċeduri appożiti, hija tibqa' titolu eżekuttiv u allura enforzabbli bis-saħħa kollha lilha mogħtija mil-liġi qua titolu eżekuttiv. Imbagħad skond l-**Artikolu 256 (2) tal-Kap. 12** Promissory Note tista' tiġi ezegwita bil-mandati eżekutivi "...**jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju."**

Fil-kawża odjerna il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv inħareġ ferm wara jumejn li l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Novembru 2018 ġiet notifikata lil Antoine Bartolo.

Tenut kont li sallum l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv naxxenti mill-*promissory note* de quo ma hiex sospiża, it-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 2070/18 ma hiex legalment fondata.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeċiedi r-rikors tas-sekwestrat Antoine Bartolo tat-18 ta' Jannar 2019 billi tiċħdu..

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent Antoine Bartolo.

**Onor. Robert G. Mangion LLD**
**Imħallef**

[12] Sottolinear ta' din il-Qorti

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**